

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/1903**tal-5 ta' Diċembru 2018****li jikkoreġi l-Annessi IV, VI u VII tar-Regolament (KE) Nru 767/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' għalf, u li jikkoreġi xi wħud mill-verżjonijiet lingwistiċi tal-Annessi II, IV, V u VI ta' dak ir-Regolament****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 767/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' għalf, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 79/373/KEE, id-Direttiva tal-Kummissjoni 80/511/KEE, id-Direttivi tal-Kunsill 82/471/KEE, 83/228/KEE, 93/74/KEE, 93/113/KE u 96/25/KE u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/217/KE⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 27(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Wara l-adozzjoni tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2279⁽²⁾, ġie individwat żball fil-punt 2 tal-Anness ta' dak ir-Regolament li jissostitwixxi l-Parti A tal-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 767/2009 fir-rigward tal-kontenut dikjarat ta' rmied li ma jinħallx fl-aċidu idrokloriku. Bħala riżultat, ma ġie stabbilit l-ebda livell ta' tolleranza għal kontenut ta' rmied li ma jinħallx fl-aċidu idrokloriku ta' 5 %.
- (2) Ġiet individwata ommissjoni fil-punti 3 u 4 tal-Anness tar-Regolament (UE) 2017/2279 li jissostitwixxu l-punt 7 tal-Kapitolu I tal-Anness VI u l-punt 8 tal-Kapitolu I tal-Anness VII tar-Regolament (KE) Nru 767/2009. Dan wassal għal ambigwiżà fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar it-tikkettar volontarju ta' addittivi tal-għalf sensorjali jew nutrizzjonali.
- (3) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 767/2009 jiġi kkorreġut skont dan.
- (4) Il-verżjonijiet lingwistiċi biċ-Ċek, bl-Estonjan, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ingliż, bl-Ispanjol bl-Iżvediż, bil-Kroat, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Malti, bil-Pollakk, bir-Rumen, bis-Slovakk, bis-Sloven, bit-Taljan u bl-Ungeriż tar-Regolament (UE) 2017/2279 fihom żball fejn it-terminu "żjut/żejt u xaħmijiet mhux raffinati" f'dak ir-Regolament, kien sostitwit bit-terminu "xaħam mhux raffinat" fl-Annessi IV, VI u VII tar-Regolament (KE) Nru 767/2009, iżda bi żball naqsu milli jagħmlu l-istess ukoll fl-Annessi II u V ta' dak ir-Regolament.
- (5) Il-verżjoni lingwistika Ġermaniża tar-Regolament (UE) 2017/2279 fiha numru ta' żbalji. Hemm żball fil-punt 2 tal-Anness ta' dak ir-Regolament li jissostitwixxi l-Parti A tal-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 767/2009 fir-rigward tal-valuri perċentwali ta' kontenut ta' ndewwa (umdità). Il-punt 3 tal-Anness tar-Regolament (UE) 2017/2279 li jissostitwixxi l-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 767/2009 fih żbalji fir-rigward tal-isem imqassar tal-komposti tat-togħma u fir-rigward tal-ispeċijiet fil-mira għar-reqwiziti obbligatorji ta' tikkettar għal-liżina u għall-metijonina.
- (6) Għalhekk jenħtieġ li l-verżjonijiet lingwistiċi biċ-Ċek, bl-Estonjan, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ingliż, bl-Ispanjol bl-Iżvediż, bil-Kroat, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Malti, bil-Pollakk, bir-Rumen, bis-Slovakk, bis-Sloven, bit-Taljan u bl-Ungeriż tar-Regolament (KE) Nru 767/2009 jiġu kkorreġuti skont dan. Il-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra mhumiex affettwati minn dawn il-korrezzjonijiet.
- (7) Minħabba li għal raġunijiet ta' sikurezza l-emendi tal-Annessi mhux bil-fors jibdeu jiġu applikati minnufih, sabiex ma jkunx hemm tfixkil bla bżonn tal-prattiki kummerċjali u sabiex l-operaturi ma jinholqilhomx piż amminis-trattiv bla bżonn, huwa xieraq li jiġu previsti miżuri tranżitorji li jippermettu li jinbidlu bla xkiel it-tikketti.
- (8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Animali, l-Ikel u l-Għalf,

⁽¹⁾ ĠUL 229, 1.9.2009, p. 1.⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2279 tal-11 ta' Diċembru 2017 li jemenda l-Annessi II, IV, VI, VII u VIII tar-Regolament (KE) Nru 767/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' għalf (ĠU L 328, 12.12.2017, p. 3).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 767/2009 huwa kkorreġut kif ġej:

- (1) fil-punt 2 tal-Parti A tal-Anness IV, fit-tieni kolonna tat-tabella fir-ringiela “irmied li ma jinħallx fl-aċidu idrokloriku”, il-kontenut fiċ-ċellola ta’ “1 - < 5” huwa sostitwit b’“1 - 5”;
- (2) il-punt 7 tal-Kapitolu I tal-Anness VI huwa sostitwit b’dan li ġej:
“7. Mingħajr preġudizzju għall-punt 6, meta addittiv tal-għalf sensorjali jew nutrizzjonali jiġi ttikkettat fuq bażi volontarja, l-ammont miżjud għandu jiġi indikat skont il-punt 1 jew f’każ ta’ addittivi tal-għalf tal-grupp funzjonali ta’ vitamini, provitamini u sustanzi ddefiniti sew kimikament li jkollhom effett simili, l-ammont totali garantit tul il-ħajja kollha tal-prodott fuq l-ixkaffa għandu jiġi indikat skont il-punt 2.”;
- (3) il-punt 8 tal-Kapitolu I tal-Anness VII huwa sostitwit b’dan li ġej:
“8. Mingħajr preġudizzju għall-punt 7, meta addittiv tal-għalf sensorjali jew nutrizzjonali jiġi ttikkettat fuq bażi volontarja, l-ammont miżjud għandu jiġi indikat skont il-punt 1 jew f’każ ta’ addittivi tal-għalf tal-grupp funzjonali ta’ vitamini, provitamini u sustanzi ddefiniti sew kimikament li jkollhom effett simili, l-ammont totali garantit tul il-ħajja kollha tal-prodott fuq l-ixkaffa għandu jiġi indikat skont il-punt 2.”;
- (4) fil-punt 5 tal-Anness II u fit-tielet kolonna fir-ringiela 3, 5, 12, 15, 16 u 18 tat-tabella fl-Anness V, it-terminu “żjut/żejt u xaħmijiet mhux raffinati” huwa sostitwit bit-terminu “xaħam mhux raffinat”;
- (5) (*ma japplikax għal-lingwa Maltija*).

Artikolu 2

- (1) Il-materjali tal-għalf u l-għalf kompost li kienu ġew ittikkettati qabel is-26 ta’ Diċembru 2019 skont ir-regoli li kienu japplikaw qabel is-26 ta’ Diċembru 2018 jistgħu jibqgħu jitqiegħdu fis-suq u jintużaw sakemm jispiċċaw il-ħażniet eżistenti jekk ikunu maħsubin għall-annimali li jipproduċu l-ikel.
- (2) Il-materjali tal-għalf u l-għalf kompost li kienu ġew ittikkettati qabel is-26 ta’ Diċembru 2020 skont ir-regoli li kienu japplikaw qabel is-26 ta’ Diċembru 2018 jistgħu jibqgħu jitqiegħdu fis-suq u jintużaw sakemm jispiċċaw il-ħażniet eżistenti jekk ikunu maħsubin għall-annimali li ma jipproduċux l-ikel.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f’Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta’ Diċembru 2018.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER
